**5 ta' Ottubru, 1998**

**Imhallfin:-**

**S.T.O. Joseph Said Pullicino B.A. (Hons.), LL.D. - President**

**Onor. Carmel A. Agius B.A., LL.D.**
**Onor. Joseph D. Camilleri LL.D.**

Theresa Muscat

*versus*

Direttur tas-Sigurtà Soċjali

**Att dwar is-Sigurtà Soċjali - Kap. 318 - Pensjoni ta' Armla**

*Appell minn deċiżjoni ta' l-Arbitru fejn ċaħad it-talba għal pensjoni tar-romol.*

*L-intenzjoni tal-liġi hija li tipprovdi pensjoni lill-armla in sostituzzjoni tal-manteniment li l-armla kienet tirċievi mingħand żewġha. Peress illi rriżulta illi l-appellanti ma kienet qed tiġi mantnuta minn żewġha, it-talba ġiet miċħuda.*

Il-Qorti:-

Theresa Muscat qed tappella minn din id-deċiżjoni ta' l-Arbitru taħt l-Att dwar is-Sigurtà Soċjali, Kap. 318:

"Dan l-appell qed isir mid-deċiżjoni tad-Direttur tal-21 ta' Novembru, 1996, fejn ċaħad it-talba ta' l-appellanti għall-pensjoni ta' l-armla peress li rritjena li "żewġek ma kienx qiegħed imantnik. Fiċ-ċirkostanzi għal finijiet ta' l-Att dwar is-Sigurtà Soċjali, Kap. 318, inti ma tistax titqies bħala l-armla tal-persuna assigurata";

Irriżulta li l-appellanti kienet isseparata minn ma' żewġha George Muscat in forza ta' kuntratt ippubblikat min-Nutar

Dottor Franco Pellegrini fit-28 ta' Ġunju, 1969. In forza ta' dan il-kuntratt ta' separazzjoni, George Muscat obbliga ruħu li jħallas lill-appellanti u lil binhom minuri manteniment ta' "tliet liri u ħames xelini fil-ġimgħa pagabbli direttament mill-Kaxxier tad-Dipartiment fejn huwa mpjegat il-komparenti George Muscat";

L-appellanti pprezentat kopji ta' *payment vouchers* li juru li sat-23 ta' Marzu, 1996, hija kienet għada tirċievi manteniment ta' Lm3.00 kull ġimgħatejn li jitħallsu direttament lilha mid-Dipartiment tas-Saħħa;

Fl-1 ta' Jannar, 1996, George Muscat applika għall-pensjoni ta' l-irtir fejn iddikjara li ma kienx qed imantni lil martu. Fit-30 ta' April, 1996, l-appellanti għamlet applikazzjoni għall-għajnuna soċjali fejn iddikjarat li b'effett mill-1 ta' April, 1996 kien waqaf il-ħlas ta' Lm6.00 fix-xahar li kien qed jitħallas minn żewġha lil binha ta' 34 sena. Fl-1 ta' Ġunju, 1996, l-appellanti ddikjarat bil-miktub quddiem uffiċjal tad-Dipartiment li hi qatt ma rċeviet manteniment mingħand żewġha. Fid-9 ta' Lulju, 1996, reġgħet iddikjarat li qatt ma rċeviet manteniment mingħand żewġha u li kien waqaf ukoll il-ħlas ta' Lm6.00,0 fix-xahar manteniment lit-tifel;

L-Att dwar is-Sigurtà Soċjali ma jagħtix definizzjoni ta' "armla". L-artikolu 31 ta' l-Att jipprovdi li:

"Armla li r-raġel tagħha jkun jissodisfa l-kundizzjonijiet tal-kontribuzzjoni relattivi kif ipprovdut taħt l-artikolu 17 ta' dan l-Att fid-data tal-mewt tiegħu, jew li r-raġel tagħha jkun miet minħabba korriment personali li jsofri f'inċident li jiġri minħabba jew fil-kors ta' l-impjieg tiegħu jew xogħol li jagħmel għalih innifsu, jew hekk meqjus skond id-disposizzjonijiet ta' l-artikolu 28 ta' dan l-Att, jew minħabba marda dovuta għax-

xorta tax-xogħol tiegħu kif imsemmi f'dak l-artikolu 28, tkun intitolata għal Pensjoni tar-Romol skond ir-rata relattiva murija fit-Tnax-il Skeda li tinsab ma' dan l-Att jew għal Pensjoni ta' *Superstiti*";

Armla li tkun qed taħdem bi qligħ li jeċċedi l-paga minima nazzjonali titlef id-dritt għall-Pensjoni tar-Romol sakemm tagħlaq l-età ta' ħamsa u sittin sena;

*L-artikolu 40 ta' l-Att intitolat "Għotja għal min Jerġa' jiżżewweġ"* jipprovdi li "Armla li tkun qed tirċievi xi pensjoni taħt din it-Taqsima għandha, hekk kif terġa' tiżżewweġ, titlef id-dritt għal dik il-pensjoni";

*M'hemmx dubbju li l-intenzjoni tal-leġislatur kienet li l-*pensjoni ta' l-armla sservi bħala sostitut għall-manteniment li l-armla kienet tirċievi mingħand żewġha qabel miet;

Fin-nota ta' osservazzjonijiet tiegħu, *id-Direttur għamel* referenza għad-deċiżjoni ta' l-Arbitru numru 203/93 fl-ismijiet **Mary Calleja *vs* Direttur tas-Sigurtà Soċjali**, mogħtija fil-5 ta' Awissu, 1993, fejn ġie ddikjarat li:

"... wieħed għandu jgħid (dejjem għall-fini tal-pensjoni) li mara li jmutilha r-raġel, għandha titqies bħala armla tiegħu jekk u sakemm hija kellha d-dritt li tiġi mantnuta. Una volta li l-appellanti volontarjament irrinunzjat għad-dritt ta' manteniment, id-drittijiet tagħha (kif ukoll ta' żewġha) għal xi benefiċċju taħt l-Att ma jistgħux jiġu fuq l-istat ta' żwieġ, u sussegwenti stata ta' vedovanza";

Għalhekk il-qofol ta' dan l-appell huwa jekk qabel romlot l-appellanti kinitx qiegħda tiġi mantnuta minn żewġha;

Minn eżami tad-dokumenti esebiti jirriżulta li sa Marzu 1996, Theresa Muscat kienet qiegħda tirċevi mingħand żewġha Lm6.00 fix-xahar. Mhux ċar dawn a beneficċju ta' min kienu qed jitħallsu. L-appellanti ssostni li dawn kienu manteniment dovut lilha filwaqt li d-dikjarazzjonijiet tagħha u l-applikazzjonijiet għall-beneficċji juru li l-appellanti ma kienet qed tirċevi l-ebda manteniment mingħand żewġha;

*M'hemmx kuntrast bejn il-partijiet illi filwaqt li r-raġel ta'* l-appellanti miet fil-5 ta' Settembru, 1996, l-ammont ta' Lm6.00 twaqqaf jitħallas mill-1 ta' April, 1996, ħames xhur qabel;

M'hemmx dubbju li l-appellanti kienet qed tmantni lilha nnifisha minn dħul ieħor;

Jirriżulta li dawn is-Lm6.00 kienu qed jitħallsu lil iben l-appellanti u mhux lilha u għalhekk irriżulta li qabel romlot, l-appellanti ma *kinitx mantnuta minn żewġha;*

Fid-dawl tas-suespost, huwa rilevanti l-artikolu 43 ta' l-Att li *inter alia* jipprovdi illi d-disposizzjonijiet dwar il-pensjoni tar-Romol tapplika fil-każ ta' armel jekk "minnufih qabel il-mewt ta' martu kien jiddependi mill-għejjun finanzjarji tagħha għall-għixien tiegħu";

Ċertament illi l-appellanti ma kinitx qiegħda tiddependi *mill-għejjun finanzjarji ta' żewġha għall-għixien tagħha;*

Għal dawn ir-raġunijiet l-Arbitru jiċħad dan l-appell";

*L-ewwel aggravju hu illi sa mit-23 ta' Marzu, 1996, hi* kienet għadha qed tiġi mantnuta minn żewġha billi kienet tirċievi ħlas direttament mid-Dipartiment tas-Saħħa ta' flejjes

dovuti lil żewġha. Dan il-ħlas kien għadu qed isir in virtu ta' kuntratt ta' separazzjoni tat-28 ta' Ġunju, 1969, in linea ta' manteniment applikabbli għaliha ukoll. Kien biss meta waqaf dan il-manteniment li hi *marret tirrapporta lid-Direttur kif* kienet obbligata li tagħmel u bdiet allura tirċievi l-assistenza;

It-tieni aggravju hu illi hi ma kellha l-ebda kontroll fuq id-dikjarazzjoni illi għamel żewġha fl-1 ta' Jannar, 1996, illi hu ma kienx qed *imantni lil martu*. Dikjarazzjoni *din li ma kinitx minnha*;

Illi s-sostenn li pprova jsib l-Arbitru fid-deċiżjoni **Mary Calleja *vs* Direttur tas-Servizzi Soċjali**, deċiża minn Arbitru preċedenti fil-5 ta' Marzu, 1993, ma kienx sostenibbli fil-liġi billi ċ-ċirkostanzi f'dik il-kawża huma għal kollox differenti minn dawk taħt eżami;

Finalment, l-appellanti thossha aggravata mill-osservazzjoni li għamel l-Arbitru li "ma hemmx dubbju li l-appellanti kienet qed tmantni lilha nfisha minn dħul ieħor". *Din* tissottometti l-appellanti hi asserzjoni għal kollox gratuwita li ma ssib ebda konfort fil-provi fil-proċess;

Dan l-appell hu ġustifikat u għandu jiġi milqugħ. Il-Qorti *tagħmel is-segwenti konsiderazzjonijiet:*

Jidher illi l-qofol tal-vertenza hi fil-premessa għad-deċiżjoni ta' l-Arbitru illi kellu jiġi deċiż jekk qabel romlot l-appellanti kellhiex tiġi mantnuta minn żewġha jew le. L-iżball *di fondo* fid-deċiżjoni hu illi l-Arbitru nterpreta *din il-materja* bħala waħda unikament ta' fatt u ċjoè jekk ir-raġel ta' l-appellanti kienx jew le materjalment qed jgħaddilha manteniment għaliha personalment u mhux jekk żewġha kienx bil-liġi responsabbli għall-ħlas ta' tali manteniment;

Jirriżulta bħala fatt mid-dokumenti esebiti illi legalment ir-raġel ta' l-attriċi kien obbligat bil-kuntratt ta' separazzjoni illi jħallas manteniment lil martu għaliha u għal ibnu. Ma hemm l-ebda dubbju illi dak l-obbligu baqa' vinkolanti fuq żewġha anke wara li rtira mill-impjieg mad-Dipartiment tas-Saħħa;

Ma tirriżulta mkien mill-atti u fil-verità lanqas mhu allegat illi l-appellanti kienet b'xi mod irrinunzjat għad-dritt tagħha anke kontrattwali illi tirreklama l-manteniment mingħand żewġha. Jekk xejn da parti tagħha jirriżulta proprju l-kontra. Mill-banda l-oħra, il-fatt li żewġha għar-raġunijiet tiegħu, biex forsi jieħu xi vantaġġ f'xi żmien unilateralment iddikjara li ma kienx qed imantni lil martu - dikjarazzjoni din apparentement li wasslet lill-Arbitru biex jiddeċidi li allura l-appellanti kienet qed tmantni lilha nfisha, ma kellhiex tippreġudika d-dritt ta' l-appellanti għall-assistenza sakemm tali dikjarazzjoni ma tkunx ġiet debitament u sewwa vverifikata biex jiġi stabbilit x'kienu l-fatti veru. Verifika li jidher li ma saritx mid-Dipartiment li strah fuq id-dikjarazzjoni ta' żewġha u susegwentement miet;

Fin-nuqqas ta' rinunzja għall-manteniment - ċirkostanza din li tagħżel dan il-każ minn dak deċiż mill-Arbitru fil-kawża fl-ismijiet **Mary Calleja *vs* Direttur tas Sigurtà Soċjali**, tal-5 ta' Marzu, 1993, fejn kien hemm rinunzja espressa fil-kuntratt ta' separazzjoni - l-appellanti ma setgħetx titqies li tilfet il-jedd għall-assistenza soċjali. F'dik id-deċiżjoni ta' Calleja, l-Arbitru għamel konsiderazzjoni ċara u legalment korretta meta qal li:

"Il-Qorti ta' l-Appell fis-sentenza tagħha tat-3 ta' Frar, 1992, (**Direttur tas-Sigurtà Soċjali *vs* Joseph Cefai**) interpretat għall-fini tal-pensjoni ta' invalidità, il-kliem "raġel miżżewweġ", fin-nuqqas ta' interpretazzjoni speċifika fil-liġi, bħal r-raġel li mhux biss kien miżżewweġ imma jkun qed imantni lill-mara. Fl-istess argument u metodu ta'

interpretazzjoni wieħed għandu jgħid (dejjem għal fini tal-pensjoni) li mara li jmutilha r-raġel għandha titqies bħala l-armla tiegħu jekk u sakemm hija kellha d-dritt li tiġi mantnuta. Una volta l-appellanti volontarjament *irrinunzjat għad-dritt ta'* manteniment id-drittijiet tagħha kif ukoll ta' żewġha għal xi benefiċċju taħt l-att ma jistgħux jiġu fuq l-istat ta' żwieġ u sussegwentement fuq l-istat ta' vedovanza";

Kif sewwa qalet il-Qorti ta' l-Appell fl-imsemmija *sentenza, wieħed ma għandux iħalli dejjem l-interpretazzjoni* litterarja *tipprovdi* għaliex *din tista'* "*twassal mhux biss għal* dissonanza ma' l-iskop fondamentali tal-liġi imma għall-konklużjonijiet illoġiċi u amorali billi wieħed ikun qiegħed jivvantaġġja ruħu mill-ittra tal-liġi biex jieħu dak li bil-loġika u bl-ispirtu tal-liġi mhux intitolat għaliha". Il-prinċipju huwa illi *non verbis sed mens verba servire debet*;

Issa fil-każ taħt *eżami, kif ġà ngħad, id-dritt li l-appellanti* tiġi mantnuta minn żewġha ċertament baqa' jissussisti sal-mument meta dan miet. Konsegwentement, din il-Qorti ma tarax kif tista' ċċaħħad lill-appellanti mid-drittijiet għall-assistenza soċjali li l-liġi stess ittiha. Dana indipendentement miċ-ċirkostanza jekk kienx veru bħala fatt li f'xi żmien jew ieħor żewġha kienx jew le għaddielha xi forma ta' manteniment. Allegazzjoni din illi l-*appellanti* tiċħad u tikkontesta imma li *anke li kieku minnha ma kienet bl-ebda mod tnaqqas l-obbligu* ta' żewġha li jħallasha l-manteniment. Din il-Qorti lanqas mhi sodisfatta illi ġew prodotti provi adegwati biex jissodisfawha illi l-appellanti ma kinitx qed tiddependi mill-għejjun finanzjarji ta' żewġha għall-għixien tagħha. F'dan il-kuntest hi rilevanti s-sottomissjoni ta' l-appellanti illi sat-23 ta' Marzu, 1996, kienet għadha qed tiġi mantnuta minn żewġha billi kienet qed tirċevi ħlas direttament mid-Dipartiment tas-Saħħa ta' flejjes dovuti lil żewġha. L-appellanti tikkontendi u fil-fatt jidher illi hekk hu illi dan il-ħlas kien għadu kien qed *isir in virtù ta' kuntratt ta'*

separazzjoni tat-28 ta' Ġunju, 1969, in linea ta' manteniment dovut ukoll għaliha. Infatti, bil-kuntratt ta' separazzjoni tat-28 ta' Ġunju, 1969, żewġha George Muscat obbliga ruħu li jħallas pensjoni alimentarja u għal ibnu minuri ta' tliet liri u ħames xelini fil-ġimgħa, minn dakinhar, pagabbli direttament mill-kaxxier tad-Dipartiment fejn kien jaħdem. Pagament li baqa' jsir regolarment sa Jannar 1996. Wieħed allura kellu jqis id-dikjarazzjoni ta' l-appellanti ta' l-1 ta' Ġunju, 1996, li saret minnha ovvjament mingħajr konoxxenza ta' l-implikazzjonijiet tagħha li biha ddikjarat bil-miktub quddiem uffiċjal tad-Dipartiment li hi qatt ma rċeviet manteniment mingħand żewġha fid-dawl tal-fatt ippruvat illi hi kienet sa xahrejn qabel qed tirċevi regolarment manteniment dovut lilha minn żewġha tramite d-Dipartiment tas-Saħħa. Pagamenti li kienu ovvjament isiru mill-paga ta' l-istess żewġha;

Għal dawn il-motivi, l-appell jirriżulta fondat u qed jiġi għalhekk milqugħ. Konsegwentement, id-deċiżjoni ta' l-Arbitru tas-26 ta' Frar, 1997, qed tiġi rrevokata u qiegħda tintlaqa' t-talba ta' l-appellanti li hija kienet intitolata għall-pensjoni ta' armla. L-ispejjeż jitħallsu mill-intimat appellat.